MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Numru. 591/2011

**Il-Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Oreste Mercieca**

**Francis Xavier Galea**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Oreste Mercieca** ta’ 53 sena, bin Joseph u Maria nee’ Bianco, imwieled Zejtun fis-7 ta’ Dicembru, 1957, residenti gewwa l-fond numru 19 Carsal, Triq il-Kammumilla, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 844057(M); u

**Francis Xavier Galea** ta’ 47 sena bin Francis u Antonia nee’ Camenzuli, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ Gunju, 1963, residenti gewwa l-fond numru 17 Framador, Triq in-Nigem, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 320863(M).

1. Akkuzati talli fis-26 ta’ Marzu, 2008 ghal habta tal-11:00am fil-kapacita’ taghhom personali u/jew ta’ sidien li jiggestixxu Pastizzerija Galea, Marsa Industrial Estate, l/o Luqa, b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl-art jew fil-professjoni taghhom jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti wegga’ gravi Paul Schembri u dan ai termini tal-Art. 225, 216 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Akkuzati ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta’ ta’ l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghux jigu affetwati bix-xoghol, l kien qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikoli 6(1)(2) ta’ l-att 27/2000 Kap 424;

3. Akkuzati ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu, u ta’ kull persuna ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ kollha li jistghux jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li rrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema u tal-persuni li hadmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawn li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta’ l-artikolu 10(1) ta’ l-A.L. 36/03;

4. Akkuzati ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhadmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista’ tinkiseb b’ mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li kienu aggornati regolarment u dan ai termini ta’ l-artikolu 10(2) ta’ A.L. 36/03;

5. Akkuzati ukoll li fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhal persuni li jhadmu naqsu milli jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-apparat tax-xoghol ghad-dispozizzjoni tal-haddiema fl-intrapriza u, jew fl-istabbiliment innifsu jkunu adatti ghax-xoghol li jkun se jitwettaq jew adatti kif imiss ghall-iskop u kienu se jintuzaw mill-haddiema minghajr perikolu ghas-sigurta’ u ghas-sahha taghhom u dan ai termini ta’ artikolu 3 tal-A.L. 282/04.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 10 ta’ Settembru, 2013 (esebita a fol. 241 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikoli 6(1)(2) u 38(1)(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 10(1) u 21(1)(2) ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003;
(d) Fl-Artikolu 10(2) u 21(1)(2) ta' l-Avviz Legali 36 ta' l-2003;
(e) Fl-Artikolu 3(1)(a) ta' l-Avviz Legali 282 ta' l-2004; u
(f) Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 t' Ottubru, 2013, l-imputati iddikjaraw li m' ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fil-fabbrika 'Pastizzerija Galea', li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, fis-26 ta' Marzu 2008, ghall-habta tad-9.00am fejn certu Pail Schembri wegga' gravi fejn tilef idu x-xellugija meta dahhal idejh gewwa magna tal-ghagina li kienet tinsab fil-pastry room fit-tieni sular tal-imsemmi istabbiliment meta huwa osserva bicca ghagina mwahhla ddur gewwa l-

magna (industrial mixer). Iz-zewg imputati fil-mument li sehh l-incident kienu is-sidien tal-fabbrika u kienu l-persuni li jiggestixxu n-negozju.

Mill-provi rrizulta li l-fond fejn sehh l-incident jikkonsisti f' bini ta' zewg sulari[1] fejn fis-sular t' isfel hemm ufficju, store u garaxx filwaqt li fis-sular ta' fuq hemm diversi kmamar fejn jinhadmu prodotti tal-ikel, u fost dawn il-kmamar hemm il-pastry room fejn sehh l-incident de quo. Il-fabbrika ghandha zewg accessi u cioe bieb principali li jinzamm maghluq u jinfetah biss minn gewwa u bieb tal-garaxx li xi drabi jinzamm imbexxaq u liema garaxx jinfed ghall-fabbrika. Il-pastry room fejn sehh l-incident hija mghamra b' hames magni konnessi mal-produzzjoni ta' prodotti tal-ghagin. L-incident de quo sehh fuq magna li timpasta l-ghagina u tohrogha fil-forma ta' strixxi. Din il-magna maghrufa bhala Pastry Machine ghandha zewg muturi li jahdmu separati minn xulxin. Il-mutur ta' fuq idawwar palette tal-istainless steel li jimbuttaw l-ghagina l-isfel ghal fuq il-mutur ta' taht li johrog l-ghagina forma ta' strixxa ghal fuq romblu. Ta' importanza hija gradilja li tghatti l-bokka minn fejn tintefa' l-ghagina ghal fuq il-paletti msemmijin aktar il-fuq. Din il-gradilja suppost ikollha mwahhla pjanca (cavetta) li meta l-gradilja tkun f' postha, ic-cavetta tidhol fi switch fuq in-naha ta' wara tal-magna li jippermetti li l-muturi jigu mixghula u mhaddmin. Hekk kif il-gradilja tingibed il-barra minn postha c-cavetta tohrog mis-switch u l-muturi jieqfu t-tnejn.

[1] Vide relazzjoni tal-espert Joseph Cordina nserita a fol. 10 tal-Process Verbal a fol. 25 tal-atti processwali.

Illi l-espert tekniku Joseph Zammit[2] jispjega li l-magna in kwistjoni tlewwet l-ghagina wara li tkun inxtehtet fiha bicca bicca u dan wara li tkun diga' giet imlewta go magna ohra. Din il-magna tithaddem minn persuna wahda biss u tahdem b' sistema elettrika. Illi din il-magna ghandha diversi 'safety switches' li huma mmarkati bil-kliem 'arresto' u huma ta' kulur orangjo. Illi appena li l-operatur jghafas is-switch jaqta' l-kurrent kollu u l-magna ma tibqax tahdem (ara Dok JZ2 u JZ3) li huma ritratti formanti mir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku. Illi apparti minn dan is-switch, il-magna ghandha safety device iehor fejn twaqqaf l-operat taghha appena li l-ghatu jkun miftuh u tkompli tahdem gia la darba dan jinghalaq. Illi sabiex jahdem dan is-safety device il-magna ghandha speci ta' cavetta li meta tidhol u tohrog jaghmel kuntatt u jixghel il-magna. L-espert tekniku Joseph Zammit jispjega fir-rapport tieghu li dan is-safety switch instab imqaccat fil-post u kien hemm spotjaturi tal-welding sabiex serva ta' 'by-pass' ghal dan il-funzjoni (Ara Dok JZ4). L-espert tekniku wara li jaghti deskrizzjoni ta' din il-magna jkompli jghid li apparti din il-modifikazzjoni kollox kien jiffunzjona sew. L-espert jispjega li minhabba l-fatt li c-cavetta giet mqaccta permezz tal-ispot welding minn mal grill li baqghet tahdem. Huwa jghid li l-incident sehh minhabba hsara li zviluppat fuq l-istess magna kagun ta' tqaccat tac-cavetta ta' safety switch li hemm is-safety grille tal-bajla fejn l-istess cavetta baqghet imwahla fl-iswitch, li b' hekk meta l-grille gie migbud 'l barra r-romblu ma waqafx. Illi Pawlu Schembri wara li gibed is-safety grille 'l barra, dahhal idejh fil-bajla u ma ndunax li r-romblu bil-blades kien ghadu jdur peress li s-safety switch baqa' 'on' minhabba t-tqaccit tac-cavetta.

---

Kien jaf kif tahdem il-magna, kien jaf kif iwaqqafha, kien jaf bidiet li kellha kellu konoxxenza tal-layout tal-fabbrika. Huwa evidenti li huwa kien a konoxxenza ta' dan kollu ghaliex huwa kien jahdem fl-sites fabbrika. Dan l-fatt huwa ulterjorment kor[2] Vide rapport inserit a fol. 49 et sequitur tal-Process Verbal.

Mill-provi rrizulta li ghal-habta tad-9:00am, Paul Schembri kien fil-pastry room. Ix-xoghol tar-ravjul kien lest u l-pastry machine kienet qed tithaddem bil-mutur ta' isfel biss sabiex titnaddaf wahedha. F' dan il-hin Schembri nehha l-gradija u dahhal idu fil-magna sabiex inehhi xi frak ta' l-ghagina li kien ghad baqa' mal-paletti ta' l-istainless steel. Dawn il-paletti kienu weqfin filwaqt li l-mutur ta' isfel kien ghadu jahdem minkejja li l-gradilja kienet maqluha. Waqt li Paul Schembri kellu idu fil-magna, ghal xi raguni l-mutur li jdawwar il-paletti beda jahdem, bil-konsegwenza illi l-paletti qabdu jduru u wahda minn dawn il-paletti qabdet ic-cinga tal-arlogg li kien liebes Schembri u gibditlu idu b' sahha. Schembri kien pront waqqaf il-magna billi ghafas is-switch tal-emergenza. Ghalkemm Schembri sofra griehi gravi f' idu, jista' jkun li kienet biss il-prontezza tieghu li llimitat id-danni.

Ghalkemm id-dinamika ta' kif sehh l-incident huwa stabbilit, hemm divergenzi dwar min kien hemm ma' Schembri fil-pastry room fil-hin tal-incident u dwar ic-cavetta tas-sigurta' li suppost tkun imwahla mal-gradilja. Meta xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali Pierre Galea (hu l-imputat Francis Galea) qal illi huwa kien ma' Schembri fil-pastry room ftit qabel l-incident. Jghid li lesta mix-xoghol tar-ravjul u halla l-magna tahdem bil-mutur ta' isfel biss sabiex titnaddaf. Jghid li f' dan il-hin kellu bzonn imur sat-toilet u halla lil Schembri wahdu fil-pastry room. Meta mar lura ftit tal-minuti wara, Pierre Galea jghid li sab lil Paul Schembri ma' l-art imwegga'. Il-Qorti izda setghat tinnota li Paul Schembri meta xehed fl-Inkjesta Magisterjali qal li mhux Pierre Galea kien hemm mieghu fil-pastry room izda Melvin Galea (li huwa iben l-

imputat Francis Galea). Huwa fil-fatt qal li Melvin Galea kien qed ihaddem il-magni tar-ravjul bhal ma gieli rah jaghmel drabi qabel. Schembri qal illi Melvin Galea kien hdejh meta sehh l-incident u li ma kienx wahdu kif jallega Pierre Galea. Min-naha l-ohra Melvin Galea cahad l kien fil-pastry room jew li qatt hadem fil-pastry room kif allega Schembri.

Dwar il-gradilja u c-cavetta li suppost tkun imwahla maghha, Paul Schembri meta xehed fl-Inkjesta Magisterjali jghid li kien jaf li din ic-cavetta kienet maqlugha u li kienet tibqa' fis-switch u li bil-gradilja maqlugha l-magna xorta tibqa' tahdem, kif fil-fatt gara fil-hin ta' l-incident. Min-naha l-ohra Pierre Galea qal li sa dakinhar stess tal-incident ic-cavetta kienet imwahla mal-gradilja u ma setghax jaghti spjegazzjoni kif din tqacctet minn postha. Pierre Galea spjega li huwa kien jaghmel ghagina kbira fil-magna li thallat it-tqiq ma' l-ingredjenti l-ohra mbaghad jitfa' l-ghagina ftit ftit fil-pastry machine. Dan il-process jirrikjedi illi kull darba li jitfa l-ghagina fil-bokka tal-pastry machine titnehha l-gradilja bir-rizultat li tieqaf il-magna. Pierre Galea qal illi dan il-process jirrepetih hafna drabi ghaliex l-ammont ta' ghagina li jitfa fil-pastry machine mhux kbir. Galea afferma li kull darba li jnehhi l-gradilja, l-magna kienet tieqaf. Wara kien ipoggi l-gradilja f' postha u jixghel is-switch biex jahdem.

Meta xehed fl-Inkjesta Magisterjali Paul Schembri ghalkemm qal li ma kienx jahdem hemm indika li huwa midhla sewwa tal-fabbrika, li kien imur ta' spiss hemm, li kien jaf kif tahdem il-magna u li addirittura kien jaf bid-difett li kellha l-istess magna. Huwa indika li kien ukoll jaf kif iwaqqaf il-magna ghaliex fil-fatt kien huwa stess li hekk kif il-paletti

qabdulu idu ghafas l-iswitch b’ idu l-ohra u waqqaf il-magna. Paul Schembri qal ukoll li kien jaf li kien hemm cavetta fil-magna li kienet maqlugha u li kienet tibqa’ fl-iswitch u li kien jaf li bil-gradilja maqlugha il-magna tibqa’ tahdem. Meta xehed f’ dawn il-proceduri Paul Schembri[3] kien kemm xejn riluttanti li jipprovdi informazzjoni. Huwa qal biss li kien imur il-fabbrika ghaliex l-imputati kienu hbieb tieghu, jghid li ma kienx jahdem hemm izda wara hafna nsistenza jammetti li llum il-gurnata huwa mpjegat mal-imputati fil-Pastizzerija Galea. Schembri kien ferm vag dwar kif wasal fil-pastry room, dwar x’ geghlu jintervjeni fl-operat tal-magna u kuntrarjament ghal dak li xehed fl-Inkjesta Magisterjali jghid li fil-kamra kien hemm mieghu Pierre Galea. Din il-Qorti m’ ghandha l-ebda dubju li Paul Schembri kien impjegat tal-Pastizzerija Galea (b’ mod illegali fil-mument tal-incident u li imbaghad wara l-incident get regoralizzata s-sitwazzjoni rigwardanti l-impjieg tieghu. Altrimenti wiehed difficilment jispjega kif huwa kien jaf perfettament kif tithaddem il-magna, kif titwaqqaf eccetra. Il-fatt li l-haddiema l-ohra tal-grafika meta xehdu f’ dawn il-proceduri lkoll indikaw li kienu jiltaqghu mal-imputat fl-fabbrika waqt l jkunu qed jiehdu brejk huwa indikazzjoni ulterjuri li huwa kien ikun il-fabbrika ghaliex effettivament jahdem hemm.

Illi inoltre din il-Qorti jidrilha li mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit jirrizulta minghajr dubju li c-cavetta giet maqlugha minn mal-gradilja ferm qabel l-incident u dan minhabba li hemm l-ispotjaturi fil-welding. Dan jeskludi dak li qed jippruvaw isostnu l-imputati u cioe’ li c-cavetta tqactet minn Schembri fil-mument tal-incident.

[3] Huwa xehed waqt l-udjenzi tal-1 ta’ Marzu 2012, fl-20 ta Settembru 2012 u fl-14 ta’ Frar 2014.

Esposizzjoni Legali

Illi l-Avukat Generali fin-Nota ta Rinviju ghall-Gudizzju jindika li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputati taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali. L-Artikoli 225 u 226 tal-Kodici Kriminali jirrigwardjaw reati fejn persuna tmut jew tkorri minhabba traskuragni, nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-art jew fil-professjoni taghhom jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova nexus bejn in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u dak li jkun gara. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Vs Salvatore Camilleri –** jinghad hekk:-

> *'Such need for the existence of chain of causation between the negligent act and ensuing harm is a requisite for responsibility to exist. The principle that for culpa to exist there must be the causea nexsus between act and even, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness in an act or profession but it is equally requisite in case of non observance of the regulations'*

Huwa stabbilit li f' socjeta' moderna jezistu regolamenti li min ihaddem f' kull lant tax-xoghol ghandu l-obbligu li jipprovdi a safe place of work' u cioe' li jipprovdi makkinarju li jiffunzjona sew u li jinkorpora security u safety features li jimminimizzaw kemm jista' jkun il-possibilita' li haddiem

iwegga' waqt li jkun qed juza tali makkinarju u li jzomm tali makkinarju f' kundizzjoni tajba u dan sabiex ma jinholqux perikoli inutili ghall-haddiema. Huwa ghal din ir-raguni li jezistu regolamenti li jipprovdu ghandhom isir risk assessments tal-post tax-xoghol u maintenance regolari tal-makkinarju fuq bazi regolari minn min ihaddem. Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li z-zewg imputati naqsu manifestament minn dan l-obbligu ghaliex huma mhux talli ma wetqux ir-risk assessments mehtiega mir-regolamenti izda huma addirittura effetwaw xi xoghol fuq il-magna li fuqha sehh l-incident fejn tnaqqas xi safety feature skond kif jirrizulta mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit. Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghajr ombra ta' dubju li kien dan in-nuqqas ta' security features fil-pastry machine li kkawza l-incident de quo. Ma hemmx dubju li kien dan in-nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-imputati fil-kwalita' taghhom ta' employers li kkaguna l-incident fejn bhala konsegwenza Paul Schembri spicca sabiex sofra debilita' permanenti skond dak li jipprovdi l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova r-rejita' taht l-Artikoli 6(1) u (2) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u taht ir-Regolamenti 10(1) u (2) tal-Avviz Legali 36/03.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-konsegwenzi serji li gabu maghhom in-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-imputati, il-gravita' tal-griehi sofferti mill-vittma kif ukoll in-nuqqas ta' koperazzjoni tal-imputati fil-kors tal-investigazzjonijiet u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza kif ukoll wahda pekunarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tal-10 ta’ Settembru 2013 u senjatament l-Artikoli 226(1)(a),17 u 31 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 6(1)(2) u 38(1)(3) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 10(1), (2) u 21(1)(2) tal-Avviz Legali 36 tal-2003 u r-Regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 282 tal-2004 l-Qorti ssib lil-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom u tikkundannahom tnax (12) il-xahar prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ sentejn (2) millum u multa ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500) kull wiehed.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba bil-miktub ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta’ disa’ mija wiehed u tmenin euro u disghin centezmu (€981.90) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’ dan il-kaz.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------